



Werrej

#### II Atti mhux leġiżlattivi

##### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1001/2014 tat-18 ta' Lulju 2014 li jemenda l-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni** ..... 1
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1002/2014 tal-24 ta' Settembru 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 3

##### DEĊIŻJONIJIET

2014/672/UE:

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Settembru 2014 dwar l-estensjoni tal-ħatra tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew** ..... 5

##### Rettifika

- ★ **Rettifika għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 669/2014 tat-18 ta' Ġunju 2014 dwar l-awtorizzazzjoni tad-D-pantotenat tal-kalċju u tad-D-pantenol bħala addittivi fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali (ĠU L 179, 19.6.2014)** ..... 9



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1001/2014

tat-18 ta' Lulju 2014

**li jemenda l-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jhas-sar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(9)(c) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet biex jingħata l-ħlas għal prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent. Dawn il-kundizzjonijiet jinkludu regoli dwar iż-żoni li huma fokus għall-ekoloġizzazzjoni biex jintlaħqu l-miri tal-bijodiversità.
- (2) Biex l-amministrazzjoni ta' dawn iż-żoni ta' fokus ekoloġiku u biex jitqiesu l-karatteristiċi tat-tipi ta' żoni diversi, l-Artikolu 46(3) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jipprevedi l-użu ta' fatturi ta' konverżjoni u ta' ponderazzjoni.
- (3) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 <sup>(2)</sup> emenda l-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 biex jiġu stabbiliti l-fatturi rilevanti ta' konverżjoni u ponderazzjoni msemmijin fl-Artikolu 46(3) ta' dak ir-Regolament.
- (4) Bħala riżultat tat-taħdidiet mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill dwar ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 639/2014, il-Kummissjoni impenjat ruħha biex iżżid il-fattur ta' ponderazzjoni għaż-żoni fejn jittkabbru għelejjel li jassimilaw in-nitroġenu kif imsemmi fil-punt (j) tal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 46(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 biex jintlaħqu l-miri msemmijin hawn fuq.
- (5) Għalhekk, l-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għandu jiġi emendat skont dan.
- (6) Dan ir-Regolament għandu japplika fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna għas-snin kalendarji wara s-sena kalendarja 2014,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

**Emenda fir-Regolament (UE) Nru 1307/2013**

Fl-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-fattur ta' ponderazzjoni ta' "0,3" għaż-żoni fejn jittkabbru għelejjel li jassimilaw in-nitroġenu jiġi sostitwit b'"0,7".

<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 608.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 tal-11 ta' Marzu 2014, li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jemenda l-Anness X ta' dak ir-Regolament (ĠU L 181, 20.6.2014, p. 1).

*Artikolu 2***Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-ghajjnuna relatati mas-snin kalendarji wara s-sena kalendarja 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
José Manuel BARROSO

---

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1002/2014****tal-24 ta' Settembru 2014****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jip-preskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati <sup>(2)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Settembru 2014.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*<sup>(1)</sup> ĠUL 299, 16.11.2007, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

## ANNEX

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

(EUR/100 KG)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(1)</sup>	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	MK	56,9
	TR	83,3
	XS	79,6
	ZZ	73,3
0707 00 05	MK	34,9
	TR	95,4
	ZZ	65,2
0709 93 10	TR	115,2
	ZZ	115,2
0805 50 10	AR	152,5
	CL	148,6
	IL	114,0
	TR	123,0
	UY	140,2
	ZA	137,5
	ZZ	136,0
	ZZ	136,0
0806 10 10	AR	128,7
	BR	174,2
	EG	160,1
	MK	39,0
	TR	118,0
	ZZ	124,0
	ZZ	124,0
	ZZ	124,0
0808 10 80	AR	262,7
	BR	65,3
	CL	112,7
	NZ	128,5
	US	135,4
	ZA	130,4
	ZZ	139,2
	ZZ	139,2
0808 30 90	AR	218,6
	CL	231,7
	CN	105,0
	TR	120,0
	ZZ	168,8
0809 30	TR	121,6
	ZZ	121,6
0809 40 05	MK	9,0
	ZZ	9,0

<sup>(1)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-24 ta' Settembru 2014

dwar l-estensjoni tal-ħatra tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew

(2014/672/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jip-preskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Lulju 2010 <sup>(2)</sup>, l-organizzazzjoni Ewropea għas-sikurezza tan-navigazzjoni tal-ajru (Eurocontrol) stabbilita bil-Konvenzjoni Internazzjonali tat-13 ta' Diċembru 1960 li tirrelata mal-Koperazzjoni għas-Sigurezza tan-Navigazzjoni tal-Ajru, kif emendata fit-12 ta' Frar 1981 u riveduta fis-27 ta' Ġunju 1997, filwaqt li taġixxi permezz tal-Kummissjoni ta' Analiżi tal-Prestazzjoni appoġġata mill-unità għall-analiżi tal-prestazzjoni, nħatret bħala l-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew għal perjodu li jintemm fit-30 ta' Ġunju 2015.
- (2) Bl-ittra tal-11 ta' Awwissu 2010, il-Kummissjoni ħatret il-President tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni u bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Lulju 2013 <sup>(3)</sup> il-Kummissjoni approvat il-membri ta' dak il-korp, it-tnejn li huma għal perjodu li jintemm fit-30 ta' Ġunju 2015.
- (3) Meta wieħed jikkunsidra l-kompiti importanti ta' dan il-korp, kif stabbiliti fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 u fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013 <sup>(4)</sup>, jeh-tieġ li wara t-30 ta' Ġunju 2015 jibqa' jinkiseb l-appoġġ espert biex jassisti lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u għalhekk li jinħatar Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni għal perjodu addizzjonali.
- (4) Wara li jintemm l-ewwel perjodu ta' referenza, li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-impatt, l-ambitu u l-effkaccja tal-iskema ta' prestazzjoni, li tinkludi wkoll il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni. Fid-dawl ta' dan, huwa xieraq li l-perjodu addizzjonali tal-ħatra tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni jintemm fil-31 ta' Diċembru 2016, sabiex ma jkunx antiċipat ir-riżultat ta' dan il-proċess ta' reviżjoni, li jista' jwassal għal bidliet fil-futur fil-kompiti, fil-ħatra u fil-kompożizzjoni ta' dak il-korp. Id-data ta' tmiem tal-31 ta' Diċembru 2016 hija wkoll konsistenti mal-perjodu ta' referenza skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 390/2013, sakemm tippermetti lill-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni jiffinalizza l-ħidma tiegħu fir-rigward tal-adozzjoni tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għat-tieni perjodu ta' referenza (2015–19), biex jiġu żviluppatti miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha bil-ħsieb tal-applikazzjoni taġġhom mill-2017 fir-rigward tal-ispiża determinata għal kull unità għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru tat-terminal, u biex fl-2016 jiġu vvalutati s-suppożizzjonijiet tat-traffiku li ntużaw sabiex jiġi stabbilit miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għat-tieni perjodu ta' referenza.
- (5) Il-Kummissjoni għall-Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Eurocontrol, li f'dan iż-żmien għadha tikkostitwixxi l-aktar korp adegwat biex iwettaq dawk il-kompiti, ma esprimiet l-ebda oġġezzjoni li tinħatar bħala l-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni għal perjodu addizzjonali. Il-President u l-membri ta' dan il-korp, li qabel kienu magħżula skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 4(4) u 5(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Lulju 2010, indikaw ukoll id-disponibbiltà taġġhom għal tiġdid ta' żmien. Meta jitqies it-tul ta' żmien limitat ta' dan il-perjodu addizzjonali u l-importanza li tiġi żgurata l-kontinwità fil-bidu tal-perjodu ta' referenza, mhuwiex xieraq li tinbeda proċedura ġdida ta' selezzjoni f'dan l-istadju.

<sup>(1)</sup> ĠUL 96, 31.3.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> C(2010)5134 final.

<sup>(3)</sup> C(2013)4651 final.

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-netwerk (ĠU L 128, 9.5.2013, p. 1).

- (6) Il-ħatra tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni u l-ħatra tal-President u l-membri tiegħu għandhom għalhekk jiġu mġedda, għal perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2016.
- (7) Skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni jrid ikun imparzjali, irid ikollu kompetenzi xierqa meta jwettaq il-kompiti fdati lilu u jrid jaġixxi b'mod indipendenti. Għalhekk għandhom jiġu previsti salvagwardji xierqa f'dan ir-rigward. Għandu wkoll jiġi speċifikat kif dan il-korp għandu jirrapporta lill-Kummissjoni.
- (8) Sabiex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb tiegħu, għandhom jiġu stabbiliti regoli xierqa dwar ir-regoli ta' proċedura, ir-rekwiżiti ta' votazzjoni meħtieġa u l-finanzjament tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni.
- (9) Fl-interess taċ-ċarezza, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Lulju 2010 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Lulju 2013 għandhom jiġu revokati.
- (10) Sabiex tkun assigurata l-kontinwità legali, din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2015,
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ajru Uniku stabbilit bl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

### **Ħatra tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għall-Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Eurocontrol, appoġġata mill-unità għall-analiżi tal-prestazzjoni tal-aġenzija Eurocontrol, hija maħtura bħala l-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew sal-31 ta' Diċembru 2016.
2. Il-ħatra hija suġġetta għall-kundizzjoni li l-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni jżomm il-kompetenza kollettiva fl-erba' oqsma ta' prestazzjoni ewlenin tas-sikurezza, tal-kapaċità, tal-ambjent u tal-kosteffiċjenza u li jkun ipprovdut lilu appoġġ suffiċjenti, indipendenti u kompetenti mill-unità għall-analiżi tal-prestazzjoni tal-Eurocontrol.
3. Meta jkun qed iwettaq il-kompiti fdati lilu b'din id-Deċiżjoni, il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni u l-membri individwali tiegħu għandhom ikunu imparzjali u għandhom jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom b'indipendenza, filwaqt li jevitaw kunflitti ta' interess.
4. Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni għandu jingħata aċċess għad-dejta relatata mal-prestazzjoni msemija fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013, disponibbli fil-Eurocontrol.

#### Artikolu 2

### **Rappurtar**

1. Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni għandu jaġixxi bi trasparenza sħiħa u għandu jirrapporta direttament lill-Kummissjoni. Ir-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu għandhom ikunu l-proprjetà tal-Kummissjoni. Il-pubblikazzjoni u t-tqassim ta' dawk ir-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet se jeħtieġu l-kunsens bil-miktub minn qabel tal-Kummissjoni.
2. Darba fis-sena, il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni għandu jirrapporta lill-Kummissjoni:
  - (a) dwar il-kooperazzjoni tiegħu mal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) u dwar l-arranġamenti ta' ħidma flimkien mal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-arju, mal-operaturi tal-ajruporti, mal-koordinaturi tal-ajruporti u mat-trasportaturi tal-ajru, kif imsemmi fl-Artikolu 3(7) u (8) tar-Regolament (UE) Nru 390/2013, rispettivament;
  - (b) dwar il-ħidma mwettqa skont din id-Deċiżjoni u dwar l-użu tar-riżorsi tiegħu.

#### Artikolu 3

### **Ħatra tal-President u l-membri**

1. Il-President u l-membri tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni huma elenkati fl-Anness.
2. Il-President u l-membri għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni li permezz tagħha jimpenjaw ruħhom li jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom fi ħdan il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni b'mod indipendenti.



3. Jekk il-President jew membru jitlaq il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni qabel il-31 ta' Diċembru 2016, għandu jin-tagħżel supplenti minn fost il-kandidati, li jkollu l-esperjenza u l-kompetenza xierqa, kif ukoll indipendenza u ma jrid ikollu l-ebda kunflitt ta' interess. Dak is-supplenti għandu jinħatar mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013.

#### Artikolu 4

##### **Regoli ta' Proċedura**

1. Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, wara li jkunu approvati mill-Kummissjoni, b'votazzjoni ta' maġġoranza sempliċi.
2. Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni għandu jadotta r-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu b'votazzjoni ta' maġġoranza sempliċi.

#### Artikolu 5

##### **Finanzjament**

1. Il-ħidma tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni biex iwettaq l-kompiti msemmija fl-Artikolu 3(3), (4), (5) u (6)(a) tar-Regolament (UE) Nru 390/2013, inklużi l-ispejjeż tal-President u l-membri tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni kif ukoll tal-ispejjeż tal-persunal rilevanti tal-unità għall-analiżi tal-prestazzjoni tal-Eurocontrol, għandha tiġi ffinanzjata mill-baġit tal-Unjoni.
2. Il-kompiti msemmija fl-Artikolu 3(6)(b) u (c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 għandhom ikunu suġġetti għal finanzjament speċifiku minn Stat(i) li jkopri l-ispejjeż addizzjonali mġarrba li jirriżultaw mit-talba għall-assistenza tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni lill-Istat(i) Membru/Membri kkonċernat(i).

#### Artikolu 6

##### **Terminazzjoni kmieni**

1. In-nuqqas ta' konformità mill-President jew mill-membri tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandu jagħti lill-Kummissjoni d-dritt li tittermina l-ħatra tagħhom.
2. In-nuqqas ta' konformità mill-Eurocontrol mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandu jagħti lill-Kummissjoni d-dritt li tirrevedi jew tittermina l-ħatra wara notifka bil-kitba, tliet xhur minn qabel.

#### Artikolu 7

##### **Tħassir**

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Lulju 2010 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Lulju 2013 huma revokati.

#### Artikolu 8

##### **Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jidhul fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2015 u japplika sal-31 ta' Diċembru 2016.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Settembru 2014.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
José Manuel BARROSO

## ANNEX

**IL-PRESIDENT U L-MEMBRI TAL-KORP TA' ANALIŻI TAL-PRESTAZZJONI****Il-President tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni:**

— GRIFFITHS Peter

**Il-membri tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni:**

— BARTHELEMY Laurent

— BAUMGARTNER Marc

— BILLINGER Nils Gunnar

— BRUN René

— BUJIA LORENZO Juan Manuel

— ERDURAK Hasan Bahadır

— HUTCHINGS Marja

— ISCRA Giorgio

— LAHTINEN Antero J.

— LAMBERT Anne

— NIEMEIER Hans-Martin

— RIEDLE Ralph

---

**RETTIFIKA**

**Rettifika għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 669/2014 tat-18 ta' Ġunju 2014 dwar l-awtorizzazzjoni tad-D-pantotenat tal-kalċju u tad-D-pantenol bħala addittivi fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 179 tad-19 ta' Ġunju 2014)*

Fil-paġna 64 fl-Anness, fl-aħħar kolonna "Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni":

*flok:* "Id-19 ta' Ġunju 2024",

*aqra:* "Id-9 ta' Lulju 2024".

---









ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**